31997R1898

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 1898/97

tad-29 ta' Settembru 1997

li jistabbilixxi regoli ta'l-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal għall-arranġamenti stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 u li jħassar Regolamenti (KEE) Nru 2698/93 u (KE) Nru 1590/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 Diċembru 1995 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti tat-tariffa Komunitarja għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli previsti fil-Ftehim ta'l-Ewropa li jqis il-Ftehim dwar l-Agrikoltura milħuq matul is-Sensiela ta'Negozjati Multilaterali ta'l-Urugwaj dwar il-Kummerċ ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1595/97 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament,

Wara li ġie kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([3]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 ([4]), u partikolarment l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 3066/95 jaġġusta bħala miżura awtonoma u transitorja il-konċessjonijiet agrikoli fil-Ftehim Ewropew konkluż bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa u r-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta'l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija rispettivament fuq in-naħa l-oħra, għall-perjodu 1 ta' Jannar 1996 sad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizjonali; billi dawn l-aġġustamenti kienu ġew estiżi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2490/96 ([5]) tal-31 ta' Diċembru 1997; billi minħabba id-dewmien proċedurali l-Protokoll Addizzjonali għal-Ftehim Ewropew li n-negozjati tiegħu ġew konklużi, ma jistax jidħol fis-seħħ qabel l -1 ta' Lulju 1997; billi r-Regolament (KE) Nru 3066/95 għalhekk ġie emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1595/97 sabiex tiġi permessa kmieni l-implimentazzjoni tar-riżultati tan-negozjati fis-settur agrikolu;

Billi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interim intiż biex jiggarantixxi l-oriġini tal-prodott, l-arranġamenti għandhom jitħaddmu billi jintużaw liċenzi ta' l-importazzjoni; billi regoli dwar il-prezentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal liċenza u l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzi jkunu meħtieġa li għandhom ikunu differenti minn dawk fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli komuni u dettaljati għall-aplikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u l-iffissar minn qabel ta' ċertifikati għal prodotti agrikoli ([6]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1404/97 ([7]); billi liċenzi għandhom jinħarġu wara perjodu ta' riflessjoni u possibilment għandu jiġi applikat perċentwal komuni ta' aċċettazzjoni;

Billi għall-finijiet ta' operat ta' l-arranġamenti bla intoppi għandha tintalab garanzija sigurtà ta' 30 ECU għal kull 100 kilogramma kontra liċenzi ta'l-importazzjoni; billi minħabba r-riskju ta' abbuż spekulattiv ħażin ta' l-arranpġamenti fejn għandu x'jaqsam il-laħam tal-majjal l-aċċess għall-importatuti ta' dawn il-prodotti għandu jkun irregolat b'mod preċiż;

Billi liċenzi ta' l-importazzjoni għall ċerti kategoriji ta' prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal diġà ġew assenjati għall-perjodu mill-1 Lulju sat-30 Settembru 1997 b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1461/97 tal-25 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi l-punt safejn applikazzjonijiet imressqa f'Lulju 1997 għal-liċenzi ta' l-importazzjoni għal ċerti prodotti tal-laħam tal-majjal taħt l-arranġament previsti mill-Ftehim konkluż mill-Komunità mar-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta'l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika ta' l-Islovakkja jistgħu jiġu aċċettati ([8]) u bir-Regolament (KEE) Nru 1462/97 tal-25 ta' Lulju 1997 li jistabilixxi l-limitu safejn jistgħu jiġu aċettati applikazzjonijiet imressqa f'Lulju 1997 għal-liċenzi ta'l-importazzjoni ta'ċerti prodotti tal-laħam tal-majjal taħt l-arranġament previst bil-Ftehim konkluż mill-Komunità mal-Bulgarija u r-Rumanija u r- Romanija ([9]); billi il-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu mill-1 Ottubru sal-31 Diċembru 1997 għandhom jiġu stabbiliti b'referenza għall-kwantitajiet miftiehma u l-kwoti stabbiliti għall-perjodu mill-1 Lulju sal-31 Diċembru 1997;

([1]) ĠU L 328, tat-30.12.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 216, tat-8.8.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 282, tal-1.11.1975, p. 1.
([4]) ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
([5]) ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 13.
([6]) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
([7]) ĠU L 194, tat-23.7.1997, p. 5.
([8]) ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 22.
([9]) ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 24.

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2698/93 [1], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 691/97 [2], jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal ta' l-arranġamenti previsti fil-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Polonja, l-Ungerija, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Federattiva ċ-Ċeka u Slovakka; billi minħabba li dan ġie sostitwit b'dan ir-Regolament dan għandu jitħassar;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1590/94 [3], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 691/97, jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal ta' l-arranġamenti previsti fil-Ftehim Interim bejn il-Komunità u l-Bulgarija u r-Rumanija; billi minħabba li ġie sostitwit b'dan ir-Regolament dan għandu jitħassar;

Billi il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kull importazzjoni ġewwa l-Komunità taħt l-arranġamenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 3066/95 ta'prodotti koperti bin-numri tal-grupp 1, 2, 3, 4, H1, H2, 5, 6, 7, 8, 9, 10/11, 12/13, 14, 15, 16 u 17 previsti fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' l-importazzjoni.

Il-kwantitajiet koperti b'dawn l-arranġamenti u r-riduzzjoni taddazju komuni fit-Tariffa Komuni Doganali huma elenkati skond il-grupp fl-Anness I.

Artikolu 2

Il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 huma, għal kull perjodu speċifikati fl-Anness I, allokati kif ġej:

— Mill-1 ta' Lulju sat-30 Settembru: 25 %,

— Mill-1 ta'Ottubru sal-31 Diċembru: 25 %,

— Mil-1 ta'Jannar sal-31 Marzu: 25 %,

— Mill-1 ta'April sat-30 Ġunju: 25 %.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal-liċenzi ta'l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1:

1. L-applikanti għandhom ikunu persuni naturali jew ġuridiċi li meta titressaq l-applikazzjoni jkunu jistgħu jissodisfaw l-awtorità kompetenti ta'l-Istat Membru tagħhom li huma kienu jikkummerċjaw il-laħam tal-majjal għal talanqas tnax-il xahar. Il-bejjiegħa bl-imnut u sidien tar-restoranti li jbiegħu prodotti lill-konsumatur finali huma esklużi.

2. Applikazzjonijiet għal-liċenza jistgħu jkopru biss wieħed mill-gruppi indikati fl-Anness I. Dawn jistgħu jkopru prodotti ta' diversi kodiċI NM li joriġinaw f'wieħed biss mill-pajjiżi li għalihom jirreferi dan ir-Regolament. F'każi bħal dawn, kull kodiċi NM u kull deskrizzjoni tal-prodott għandha tiġi indikata fis-sezzjoni 16 u 15 rispettivament; L-applikazzjoni għandha tkun għal minimu ta' tunnellata metrika waħda u massimu ta' 25 % tal-kwantità disponibbli għall-grupp konċernat matul it-tliet xhur in kwistjoni kif speċifikat fl-Artikolu 2;

3. L-kaxxa 8 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenza u tal-liċenza għandha tindika l-pajjiz ta' l-oriġini; il-liċenzi għandhom jimponu obbligu li l-importazzjoni ssir mill-pajjiz indikat;

4. Il-kaxxa 20 ta'l-applikazzjoni tal-liċenza u l-liċenza għandu jkollha fuqha waħda mill-entrati li ġejjin:

   — Reglamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Forordning (EF) nr. 1898/97

   — Verordnung (EG) Nr. 1898/97

   — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1898/97.

   — Regulation (EC) No 1898/97

   — Règlement (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Regolamento (CE) n. 1898/97

   — Verordening (EG) nr. 1898/97

   — Regulamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Asetus (EY) N:o 1898/97

   — Förordning (EG) nr 1898/97.

5. Il-kaxxa 24 tal-liċenza għandu jkollha fuqha waħda mill-entrati li ġejjen:

   — - Reducción del derecho de aduana en virtud del Reglamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Nedsættelse af importafgiften jf. forordning (EF) nr. 1898/97

   — Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß Verordnung (EG) Nr. 1898/97

   — Μείωση τον δασμού όπως προβλέπεται στον κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1898/97.

   — Customs duty reduction as provided for in Regulation (EC) 1898/97

   — Réduction du droit de douane comme prévu au règlement (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Riduzione del dazio doganale a norma del regolamento (CE) n. 1898/97

   — Douanerecht verlaagd overeenkomstig Verordening (EG) nr. 1898/97

   — Redução do direito aduaneiro conforme previsto no Regulamento (CE) n!!! error character !!! B!!! error character !!! Ï 1898/97

   — Tullialennus, josta on säädetty asetuksessa (EY) N:o 1898/97

   — Nedsättning av tullavgiften enligt förordning (EG) nr 1898/97.

[1] ĠU L 245, ta' l-1.10.1993, p. 80.
[2] ĠU L 102, tad-19.4.1997, p. 12.
[3] ĠU L 167, ta' l-1.7.1994, p. 16.

Artikolu 4

1. Applikazzjonijiet għal liċenzi jistgħu jitressqu biss matul l-ewwel 10 jiem ta' kull perjodu kif speċifikat fl-Artikolu 2.

2. Applikazzjonijiet ikunu invalidi jekk l-applikant ma jiddikjarax bil-miktub li huwa ma jkunx ressaq u mhux ser iresssaq, matul il-perjodu in kwistjoni, applikazzjonijiet oħra għal prodotti ta' l-istes grupp fl-Istat Membru tas-sottomissjoni jekk f'xi Stat Membru ieħor. Jekk applikant iressaq aktar minn applikazzjoni waħda għal prodotti ta' grupp wieħed ebda waħda mill-applikazzjoni ma tkun valida.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-għeluq tal-perjodu li fih jistgħu jitressqu l-applikazzjonijiet, b'dawk imressqa għall kull prodott fil-gruppi in kwistjoni. L-applikanti u l-kwantitajiet għal kull grupp għandhom jiġu elenkati. Kull notifika, inkluzi dawk "nulli", għandha ssir permezz tat-telex jew tal-fax fil-ġurnata tax-xogħol stipulata. Il-formola riprodotta bħala l-Anness II għandha tintuża għal notifikazzjonijiet "nulli" u dawk riprodotti bħala l-Anness II u III jekk ikunu saru applikazzjonijiet.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi bla dewmien jekk l-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 jistgħux jiġu milqugħa.

Jekk l-ammont totali li għalih ikunu saru applikazzjonijiet ikun akbar minn dak disponibbli il-kwantitajiet mogħtija għandhom jitnaqqsu b'perċentwal komuni.

Jekk ikun anqas mill-ammont disponibbli l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi l-kwantità li għandha tiżdied ma' dik disponibbli għall-perjodu li jkun imiss.

5. Il-liċenzi għandhom jinħarġu kemm jista' jkun malajr wara li l-Kummissjoni tkun ħadet id-deċizzjoni tagħha.

6. Il-liċenzi għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha.

Artikolu 5

Għall-fini ta' l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 150 ġurnata mid-data tal-ħruġ.

Il-liċenzi ma jkunux trasferibbli.

Artikolu 6

Garanzija ta' 30 ECU għal kull 100 kg għandha tiġi depożitata kontra kull applikazzjoni għal liċenza ta' l-importazzjoni għal kull prodott indikat fl-Artikolu 1.

Artikolu 7

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 għandhom jgħoddu ħlief fejn ikun previst mod ieħor permezz ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, minkejja l-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament, il-kwantitajiet importati taħt dan ir-Regolament ma jistgħux jeċċedu dik indikata fil-każi 17 u 18 tal-liċenza ta' l-importazzjoni. Għal dan il-għan għandu jitniżżel '0' fil-kaxxa 19 tal-liċenza.

Artikolu 8

Il-prodotti għandhom jinħarġu għaċ-ċirkolazzjoni libera meta jiġi ppreżentat ċertifikat EUR.1 maħruġ mill-pajjiż li jkun qed jesporta skond il-Protokoll 4 għall-Ftehim Ewropew konkluż ma'l-imsemmi pajjiżi, jew, dikjarazzjoni mill-esportatur skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Protokoll.

Artikolu 9

l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Il-kwantitajiet disponibbli għall-applikazzjonijiet matul il-perjodu mill-1 sa l-10 ta' Ottubru 1997 huma jingħataw fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 2698/93 u (KE) Nru 1590/94 qegħdin b'hekk jitħassru.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Settembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-Anness I

A. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-UNGERIJA**

(tunnellati metriċi)

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	Ir-rata tad-dazju (% tal-MFN) applikabbli(	Il-kwantità annwali			
				Mill-1.7.1997	Mill1.7.1998	Mill-17.1999	Mill-1.7.2000
09.4705	1	1601 00 91 1601 00 99	20	7 700	8 050	8 400	8 750
09.4706	2	1602 49 15 1602 49 19 1602 41 10 1602 42 10 1602 49 11 1602 49 13 1602 49 30 1602 49 50	20	770	805	840	875
09.4704	3	0210 11 11 0210 12 11 0210 19 40 0210 19 51	20	1 760	1 840	1 920	2 000
09.4708	4	0203 11 10 0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 0203 19 55 (1) 0203 19 59 0203 21 10 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 0203 29 55 (1) 0203 29 59	20	33 990	35 535	37 080	38 625
09.4727	H1	1501 00 19	ECU 164/t	2 400	2 400	2 400	2 400
09.4722	H2	1601 00 91	ECU 1 759/t	500	500	500	500

B. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW FIL-POLONJA**

(tunnellati metriċi)

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1.7.1997	Mill-1.7.1998	Mill 1.7.1999	Mill 1.7.2000
09.4803	5	0210 11 11 0210 11 19 0210 11 31 0210 11 39 0210 12 11 0210 12 19 0210 19 10 0210 19 20 0210 19 30 0210 19 40 0210 19 51 0210 19 59 0210 19 60 0210 19 70 0210 19 81 0210 19 89	20	3 300	3 450	3 600	3 750

(tunnellati metriċi)

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1.7.1997	Mill-1.7.1998	Mill 1.7.1999	Mill 1.7.2000
09.4805	6	1601 00 91 1601 00 99	20	2 530	2 645	2 760	2 875
09.4806	7	1602 41 10 1602 42 10 1602 49 11 1602 49 13 1602 49 15 1602 49 19 1602 49 30 1602 49 50	20	10 890	11 385	11 880	12 375
09.4820	8	0103 92 19	20	1 540	1 610	1 680	1 750
09.4809	9	0203 11 10 0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 0203 19 55 (1) 0203 19 59 0203 21 10 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 0203 29 55 (1) 0203 29 59	20	11 220	11 730	12 240	12 750

Ċ. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

(tunnellati metriċi)

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	r-rata tad-dazju applikabbli (ta'l-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1..7.1997	Mill-1.7.1998	Mill-1.7.1999	Mill-1.7.2000
09.4621	10/11	0103 92 19 0203 11 10 0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 0203 19 55 (1) 0203 19 59 0203 21 10 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 0203 29 55 (1) 0203 29 59 1602 41 10 1602 42 10 1602 49	20	5 830	6 095	6 360	6 625

D. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA SLOVAKKA**

(tunnellati metriċi)

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1..7.1997 sat-30.6.1998	Mill-1.7.1998 sat-30.6.1999	Mill-1.7.1999 sat-30.6.2000	Mill-1.7.2000
09.4621	12/13	0103 92 19 0203 11 10 0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 0203 19 55 (1) 0203 19 59 0203 21 10 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 0203 29 55 (1) 0203 29 59 1602 41 10 1602 42 10 1602 49	20	2 530	2 645	2 760	2 875

E. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW FIL-BULGARIJA**

tunnellati metriċi

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1..7.1997	Mill-1.7.1998	Mill-1.7.1998	Mill-1.7.2000
09.4654	14	0203 11 10 0203 29 55 (1)	20	330	345	360	375

F. **IL-PRODOTTI LI JORIĠINAW FIR-RUMANIJA**

tunnellati metriċi

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1..7.1997 sat-30.6.1998	Mill-1.7.1998 sat-30.6.1999	Mill-1.7.1999 sat-30.6.2000	Mill-1.7.2000
09.4751	15	1601 00 91 1601 00 99	20	990	1 035	1 080	1 125
09.4752	16	1602 41 10 1602 42 10 1602 49 11 1602 49 13 1602 49 15 1602 49 19 1602 49 30 1602 49 50	20	1 870	1 955	2 040	2 125

tunnellati metriċi

In-Nru ta'l-Ordni	In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Il-kwantità annwali			
				Mill 1..7.1997 sat-30.6.1998	Mill-1.7.1998 sat-30.6.1999	Mill-1.7.1999 sat-30.6.2000	Mill-1.7.2000
09.4756	17	0203 11 10 0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 0203 19 55 (1) 0203 19 59 0203 21 10 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 0203 29 55 (1) 0203 29 59	20	13 750	14 375	15 000	15 625

(1) Ħlief it-tenderloin ippreæentat waħdu.

L-ANNESS II

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1898/97

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ		DG VI/D/3 Qasam tal-laham tal-majjal
Talba għal liċenza ta' l-importazzjoni b'rata mnaqqsa ta' dazju	Data	Perjodu

L-Istat Membru

Il-mittent

Il-persuna tal-kuntatt

In-Nru tat-telefon

In-Nru tat-telefax

In-Nru tal-Grupp	Il-kwantità mitluba
1	
2	
3	
4	
H1	
H2	
5	
6	
7	
8	
9	
10/11	
12/13	
14	
15	
16	
17	

L-ANNESS III

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1898/97

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ		DG VI/D/3 Qasam tal-laħam tal-majjal
Talba għal liċenzi ta'l-importazzjoni b'rata mnaqqsa ta' dazju	Data	Perjodu

L-Istat Membru

In-Nru tal-Grupp	Il-kodiċi NM	L-applikant (isem u indirizz)	Il-kwantità (tunnellati metriċi)
		Total ta' tunnellati metriċi tan-numru tal-grupp	

L-ANNESS IV

(tunnellati metriċi)

In-Nru tal-Grupp	Il-kwantità disponibbli
1	2 413,5
2	267,7
3	841
4	10 585,3
H1	1 200
H2	250
5	1 650
6	1 125,3
7	5 170
8	770
9	5 610
10/11	320
12/13	1 265
14	165
15	490
16	904,3
17	6 875